MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Frar, 2005

Numru 634/1998

**Il-Pulizija**
**Supretendent Alexandra Mamo**
v

**PHILIP PETRONI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PHILIP PETRONI** ta' sitta w erbghin sena, bin Carmelo u Catherine nee Bray, imwieled Santa Venera nhar t-tletin ta' Jannar 1952 u residenti 'Meadow Vale', Triq Ta' Xmiexi, Imsida, detentur ta' karta tal-identita numru 134652M gie imressaq quddiemha w akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin gi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku jew f'xi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti li dawk l-atti jew skritturi kellu jkollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe ghamel falsifikazzjoni tal-firma fuq kambjali u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;

2. Talli ffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra li meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karti msemmija;

3. Talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor jew ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex jqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn elf lira maltin bi hsara ta' Inortep Limited u diversi persuni.

4. Talli kkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata tnejn ta' Lulju 1992 liema sentenza hija defini8ttiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tl-kawza w d-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmienja ta' Mejju 2002 a fol 296 tal-atti.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta [fol 306].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll l-provi tad-difiza.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar l-erbgha ta' Novembru 1998 xehdet l-illum Supretendent Alexandra Mamo** [fol 23] fejn qalet li nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 1998 hija kienet irceviet kwerela datata hamsa w ghoxrin ta' Awissu 1998 minn Dottor Philip Manduca fejn allega serq ta' frodi u falsifikazzjoni ta' dokumenti minn certu Philip Petroni mill-Imsida, l-imputat odjern. Qalet li fil-kwerela Dottor Philip Manduca kien infurmaha li fl-1994 Philip Petroni kien xtara minghand il-klijenti tieghu Inortep Limited ta' H'Attard, diversi oggetti fosthom wall units u li ghal dawn l-oggetti kien hallas permezz ta' bills of exchange. Qalet li wara li gew inizjati proceduri civili kontra l-imputat, gie stabbilit li l-bills of exchange allegatament ffirmati minn Duncan Petroni, bin l-imputat, ma kellhomx firem originali. Kompliet tghid li nhar l-ghaxra ta' Ottubru 1998 hija tkellmet ma l-imputat u wara li tatu s-solita twissija fil-presenza ta' PC 460 Anthony Briffa, l-imputat rrilaxxja stqarrija li tinsab esibita fl-atti bhala dokument AFM 2 a fol 39. F'din l-istqarrija l-imputat ghogbu jaghzel li ma jirrispondi ghal ebda domanda li saritlu u meta gie muri kopji tal-bills of exchange li kien ghaddielha l-kwerelant Dottor Philip Manduca, u gie mistoqsi dwar l-firma ta' Duncan Petroni fuqhom, u cioe jekk verament kienetx tieghu, l-imputat ghazel li ma jirrispondix wkoll ghal tali mistoqsija. Sussegwentement hija tkellmet ma Duncan Petroni u dan fit-tnax ta' Ottubru 1998 fejn wara li wrietu l-istess bills of exchange huwa kkkonferma li l-firma fuqhom ma kienetx tieghu u ghalhekk hija talbitu sabiex jaghmel specimen tal-firma tieghu, kif fil-fatt ghamel. Hija esibit l-imsemmija specimen tal-firma ta' Duncan Petroni li tinsab esibita bhala dokument AFM 3 [fol 40].

Illi **nhar l-erbgha ta' Novembru 1998 xehed PC 460 Antoine Briffa** [fol 27] fejn gharaf l-isqarrija mmarkata bhala dokument AFM 2 rilaxxjata mill-imputat nhar l-ghaxra ta' Ottubru 2002 a fol 39 tal-atti, ikkonferma li din ittiehdet fil-presenza tieghu wara li kien inghata s-solita

twissija mill-allura Spettur Alexandra Mamo. Fuqha gharaf l-firma tieghu, tal-imputat kif wkoll dik tal-allura Spettur Alexandra Mamo.

Illi **nhar l-erbgha ta' Novembru 1998 xehed Doctor Philip Manduca** [fol 29] fejn gharaf d-dokument AFM 1 bhala r-rapport li hu kien baghat lil Kummissarju tal-Pulizija nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 1998 fejn ikkonferma l-kontenut w il-firma tieghu.

Illi **nhar l-erbgha ta' Novembru 1998 xehed Simon Petroni** [fol 31] fejn qal li huwa direttur tas-socjeta Inortep Limited ta' H'Attard. Qal li jiftakar li fit-tmintax ta' Lulju 1994 kien mar ghandu Philip Petroni li gharaf presenti fl-awla bhala l-imputat, li qallu li xtaq jixtri zewg wall units wahda ghalih u ohra ghat-tifel tieghu Duncan Robert. Ikkonferma li l-invoice rigwardanti dan l-bejgh annessa mad-dokument AFM 1, datata tmintax ta' Lulju 1994, giet miktuba minnu u li fejn hemm miktuba l-kelma salesman fil-parti ta' isfel, hija l-firma tieghu. Qal li l-valur totali ta' dawn il-units kien jammonta ghal elfejn u tlett mitt lira. Qal li kellu jsir depositu t' erba mitt lira maltin u ghalhekk kien ghad baqa bilanc ta' elf u disgha mitt lira maltin pero fil-fatt s-socjeta tieghu ma rceviet ebda pagament. Qal li kien wasal fi ftehim ma l-imputat li hu kellu jghamillu dsatax il-mija f'diversi kambjali f'ismu u ghalhekk hu kien lesta ghal imputat tmien kambjali u kien baghat ghalih sabiex jiffirmhom. Gara pero, skond dan x-xhud, li meta l-imputat kien mar ghandu, dan kien talbu sabiex hu jiktibhomlu f'isem ibnu u cioe f'isem Duncan Robert Petroni ghan-nom tas-socjeta Tryson Investments Limited. Dan ix-xhud spicca billi ha l-kambjali mieghu sabiex jiffirmhom ibnu u kellu jirritorna lura bihom l-ghada. Gara pero li l-ghada l-imputat ma kienx mar bihom u meta reggha ra lil imputat, dan ix-xhud qal li fakkru fihom. Dan ix-xhud kompla jghid li sussegwentement huwa ppresenta kawza bil- ghan li jigbor dawn il-flus kontra l-imputat. Huwa esibixxa fotokopja tal-kambjali li hemm esibiti fil-kawza civili, liema fotokopji gew mmarkati bhala dokumenti AFM 5 sa AFM 7, liema kambjali suppost li kellhom jigu ffirmati minn Duncan Robert Petroni. Ikkonferma li huwa ma thallas qatt is-somma ta' elfejn u tlett mitt lira u li l-ghamara in

kwistjoni kienet giet delivered fid-dar residenzjali tal-imputat u cioe Xmiexi Road, Imsida.

Illi **nhar l-erbgha ta' Novembru 1998 xehed Arthur Pizzuto** [fol 45] fejn ippresenta kopja ufficjali ta' Memorandum of Articles of Association tas-socjeta Tryson International kif wkoll tas-socjeta Inortep Limited [fol 47 et seq] li gew mmarkati bhala dokumenti AFM 8 u AFM 9 rispettivament. Dan ix-xhud kompla jghid li d-diretturi tas-socjeta Inortep Limited ta' H'Attard huma Christine Zammit, Noel Petroni u Simon Petroni filwaqt li dik tas-socjeta Tryson International li ghandha l-ufficju fl-Imsida, hija Josette Petroni u hija sole director.

Illi **nhar l-hamsa ta' Frar 1999 xehdet l-allura Spettur Alexandra Mamo** [fol 120] fejn esibit kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Imhallef Victor Caruana Colombo nhar t-tnejn ta' Lulju 1992 fil-konfront tal-imputat odjern li giet mmarkata bhala dokument CSH [fol 122].

Illi **nhar l-hamsa ta' Frar 1999 xehed Frank Galea** [fol 125] fejn esibixxa kopji veri ta' cekkijiet taljani li jinsabu esibiti fi process civii fl-ismijiet Christine Zammit et v Duncan Robert Petroni, liema kawza ggib in-numru 1095/ 1995 liema kopja gew mmarkati bhala dokumenti CSH 1 sa CSH 5 [fol 127 et seq].

Illi **nhar d-disgha w ghoxrin ta' Marzu 1999 xehed Edwin Mamo** [fol 137] fejn ikkkonferma s-sentenza esibita bhala dokument CSH a fol 122 u cioe dik moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Imhallef Victor Caruana Colombo nhar t-tnejn ta' Lulju 1992 fil-konfront tal-imputat odjern u zied jghid li f'din is-sentenza huwa kien l-Ufficjal Prosekutur.

Illi **nhar l-ewwel ta' Settembru 2000 xehdet Gemma Debono fil-kariga taghha bhala Direttur tal-Qrati ta' Malta** [fol 196] fejn esibiet dokument li gie mmarkat bhala dokument VZ [fol 198 et seq] konsistenti fi tmien fotokopji ta' kambjali ppresentati f'kawza civili num ru 1095/1995/FGC fl-ismijiet Christine Zammit et v Duncan

Robert Petroni, liema kawza tinsab deciza fit-tmienja w ghoxrin ta' Jannar 2000. Esibiet wkoll tmien fotokopji ta' kambjali li kien hemm f'din l-istess kawza li gew mmarkati bhala dokument AZ 1 [fol 206 et seq].

Illi **nhar t-tmienja ta' Frar 2001 regghet xehdet Gemma Debono fil-kariga taghha bhala Direttur tal-Qrati ta' Malta** [fol 228] fejn esibiet l-inkartament dwar il-kawza civile numru 1095/1995/FGC deciz nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Jannar 2000, liema inkartament gie mmarkat bhala dokument GD [fol 230 et seq].
Illi **nhar l-erbgha ta' April 2002 xehed Martin Bajjada** [fol 278] fejn qal li hu kien gie nominat minn din l-Qorti b'digriet taghha tal-hamsa ta' Frar 2002 sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn il-firma ta' Duncan Petroni [dokument AFM 3] mal-firem li hemm fuq l-kambjali dokumenti 27 sa 34 a fol 230 tal-atti odjerni. Huwa ppresenta r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MB a fol 280 tal-atti. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-firem maghmula fuq d-dokument AFM 3 ma humiex maghmula mill-istess persuna li ghamel l-firem fuq d-dokumenti esibiti markati bhala dokument 27 sa 34 a fol 230 tal-process u cioe fuq dawk tal-kambjali.

Illi **nhar l-ghoxrin ta' Ottubru 2004 xehed Noel Petroni** [fol 318] fejn qal li huwa kellu jiehu xi somma flus minghand l-imputat odjern li gharaf presenti fl-awla. Qal li llum il-gurnata huwa wasal fi ftehim kif ghandu jithallas lura w ghalhekk ma kellux interess izjed f'dawn il-proceduri. Huwa fil-fatt qal li xtaq li jirtira l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju li mill-provi prodotti **l-ewwel zewg akkuzi ma jirrizultawx ppruvati** u dan ghaliex il-Prosekuzzjoni fl-ebda stadju tal-proceduri odjerni li ilhom pendenti mis-sena 1998, ma ppruvat jew ittentat tipprova li kien l-imputat li ghamel il-firem foloz li rrizultaw fuq il-kambjali esibiti. Il-Prosekuzzjoni ippruvat li l-firem fuq il-

kambjali ma kienux ta' ibnu Duncan Petronni pero b'hekk dan ma jfissirx li kien l-imputat li ffalsifikom.

**Dwar t-tielet akkuza din tirrizulta** ppruvata u dan ghaliex l-imputat ried jakkwista ghamara [wall units] kif fil-fatt ghamel billi ppresenta kambjali li ma kienux tieghu u billi gieghel is-socjeta Inortep Limited temmen li kien hemm krediti mmaginarji li a basi taghhom rrilaxxjaw l-ghamara. Ma hemmx dubbju ghalhekk li tali akkuza hija ppruvata.

Jirrizulta wkoll li l-imputat ikkommetta dawn r-reati waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn ta' Lulju 1992 [dokument CSH a fol 122] meta gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor.
Illi jirrizulta mill-atti li l-fedina penali tal-imputat hija wahda reflettarja u ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha tkun klementi mal-imputat fl-ghoti ta' piena. Pero minn naha l-ohra, l-Qorti rat li hemm cirkostanzi li jimmilitaw favur riduzzjoni ta' piena bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-fatt li l-imputat ilu taht kura psikjatrika almenu mis-sena 1998 u proprju qabel ma gew inizjati dawn il-proceduri [vide dokument A a fol 12] u baqa taht tali kura tul is-sitt snin li ilu l-Qorti [vide fol 298].

Illi l-kwerelant Noel Petroni xehed u qal li llum l-gurnata hu m'ghadx ghandu interess f'ezitu ta' dawn il-proceduri u fil-fatt kien sodisfatt jekk tali proceduri jieqfu ghaliex huwa kien wasal f'arrangament mal-imputat kif kien ser jithallas lura s-somma defrodata.

Minhabba dawn iz-zewg ragunijiet li l-Qorti thoss li huma specjali, thoss li m'ghandhiex tapplika piena karcerarja ghal akkuzi li taghhom sabet lil imputat hati.
Illi ghalhekk wara li **l-Qorti** rat l-artikoli 18, 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddikjara li ssib lil imputat PHILIP PETRONI hati tat-tielet akkuza u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira maltin, liema multa ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet**

**ta' Malta tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira, b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-tmienja w ghoxrin [28] ta' Frar 2005**.

**Il-Qorti thoss li ghalkemm l-imputat illum il-gurnata huwa ragel anzjan, xorta ghandu bzonn minn jiggwidah u jzommu 'l boghod mill-kriminalita, ghaliex minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li huwa bniedem dghajjef.**

**Ghalhekk thoss li ghandha tpoggi lil istess imputat PHILIP PETRONI taht ordni ta' probation ghal perjodu massimu permess mill-ligi u cioe dak ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bl-intendiment li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati.**

Illi dwar **l-ewwel w it-tieni akkuza, il-Qorti ghalhekk tiddikjara li ma ssibx lil imputat PHILIP PETRONI hati** taghhom **u tilliberah minnhom**.

Dwar l-akkuza li l-imputat ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn ta' Lulju 1992, tordna li ai termini tal-artikolu 28B(2) tal-Kodici Kriminali, illi l-ordni originali moghti f'dik is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn il-piena karcerarja ta' sentejn jigu sospizi ghal erbgha snin, u moghtija bis-sahha tas-subartikolu 1 tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, billi l-perjodu hemm specifikat ta' erbgha snin jigi estiz sa erbgha snin mill-lum, u dan minhabba z-zewg ragunijiet fuq imsemmija.

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat kanditat ideajali bhala Ufficjal tal-Probation f'dan l-kaz li jkompli jsegwi lil hati tul l-perjodu ta' tlett snin.**

**Tordna lil imputat probationer sabiex jsegwi l-ordnijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation nominat, dejjem u f'kull waqt u li l-istess Ufficjal tal-Probation**

**ghandu jinforma lil Qorti darba kull sitt xhur dwar l-andament tal-imputat probationer.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------